MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 329/2010

Appell Numru: 329/2010

Il-Pulizija

Vs

Emanuel Zarb

Illum 26 ta′ Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kapacita tieghu propju u cioe` l-persuna li f′ismhu hija licenzjta l-vettrua nru BSY 012 (tail lift van) u/jew fil-kapacita teighu bhala direttur tal-kumpanija ′Zarb

Coaches Ltd.′ Fid-9 ta′ Ottubru, 2003, ghall-habta ta′ xi t- 3.00p.m. fi Triq Regjonali, il-Gzira, gieghel jew ippermetta lil Cedric (Cedric Charles) Sciberras jaghmel jew isuq vettura (tail lift van) numru BSY 012 ghall-finijiet ohra barra minn dawk li ghalihom kienet licenzjata u ghalhekk ghamel, uza jew saq vettura nru BSY 012 (tail lift van) minghajr ma kienet koperta b′polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni u dan bi vjolazzjoni tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta′ Malta minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta′ Malta biex tintuza fit-triq.

Il-Prosekuzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali tal-5 ta′ Lulju, 2010 fejn sabet lil imputat hati u wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 u 3(1) Kap 104 u kkundannat lill-impuatat ghall-terminu ta′ prigunerija ta′ sitt (6) xhur u skwalifikatu milli jkkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena minn meta jiskonta ′l imsemmija piena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta′ Lulju, 2010 fejn talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li minghajr pregudizzju ghall-konsiderazzjonijiet ta′ natura legali ser jigu diskussi f′aggravji ohra, l-esponent jissottometti bid-dovut rigward li that ebda cirkostanza ma setghet l-ewwel Qorti, la legalment u lanqas ragonevolment, tirriskontra reita` fil-konfront tieghu. In effetti, ir-rizultanzi processwali huma evidentement tali li juru li l-esponent kien ghamel dak kollu fil-possibilitajiet umani tieghu sabiex incident sfortunat bhal dak li sehh jigi evitat.

Illi rrizulta mill-provi li kif l-esponent sar jaf bil-hsara li zviluppa fil-coach huwa rrimedja billi baghat zewg minibuses li kienu jesghu bejniethom l-istudenti li kellhom jigu trasportati mill-iskola ghad-dar. Decizjoni unilaterali u mehuda ad insaputa tal-esponent wasslet ghal-bdil f' dan il-pjan ta' kontingenza. Ma dan ghandu jigi rilevat li t-tail lift van imsemmi kien, kif del resto irrizulta mill-provi, debitament licenzjat u kopert b' polza ta' l-assigurazzjoni vigenti bejn it-3 ta' Marzu, 2003 u d-29 ta' Frar, 2004. Tant hu hekk li Vidozav Vrhovak, missier Daliborka, ikkonferma li l-kumpanija assikuratrici kienet kopriet id-danni minnha sofferti.

Illi huwa ghalekk car li fattwalment ma tista` tigi addossata ebda htija fuq l-esponent in kwantu, min-naha tieghu, mexa bil-kawteli kollha rikjesti mhux biss mill-ligi izda wkoll minn persuni responsabbli li jaghmlu l-affarjiet bis-serjeta u mhux bil-pressapokizmu.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-generalita ta' l-ewwel aggravju, mill-provi prodotti l-ewwel reat adebitat lill-esponent [u ravvizat bhala dak kontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 mill-Qorti tal-Magistrati – vide sentenza appellata, p.5] mhux biss ma rrizultax izda addirittura gie kompletament eskluz!

Illi l-artikolu 15(1)(a) jghid li jikkommetti reat kontra l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-traffiku:

"[kull min] isuq motor-car jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew motor-car jew vettura ohra li ma jkoilliex licenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont bi traskuragni, jew b'mod perikoluz, izda ma tkun mehtiega ebda licenza dwar bicycle;"

Illi huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, a differenza ta' dak li jipprovdi l-artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65 dwar licenzji tas-sewqan (a differenza ta' licenzji ta' vetturi) u l-

artikolu 3(1) tal-Kap 104 dwar poloz ta' assikurazzjoni, din id-disposizzjoni tapplika esklussivament ghal min ikun qieghed effettivament isuq il-vettura. Din kienet ix-xelta inekwivoka tal-legislatur u regola sana li fil-kamp penali il-ligijiet ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva m'ghandiex tigi kalpestata.

Illi galadarba huwa inkontestat li l-esponent ma kienx qed isuq din il-vettrua hu ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-generalita ta' l-ewwel aggravju, il-Qorti lanqas ma setghet issib htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet il-Pulizija vs Angelo Scuderi (03.11.2005), kien gie deciz li mid-dicitura ta' l-artikolu 10(1) tal-Kap 104 jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabilita ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-istess artikolu, anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex per ezempju, id-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikoli (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa` l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1);

Illi fil-kaz in dizamina, kif gja rilevat, jirrizulta li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BSY 012 kienet koperta b' polza ta' l-assigurazzjoni vigenti bejn it-3 ta' Marzu, 2003 u d-29 ta' Frar, 2004. Fil-fatt gie kkonfermat mill-parti leza li kumpanija assikuratrici kienet kopriet l-ispejjez kollha inkorsi. Ciononostante, il-Qorti tal-Magistrati stranament ghazlet li tiddipartixxi minn dak ritenut f' din il-gurisprudenza peress li, skond hi, dan kien zbaljat. Issa huwa risaput li skond il-prassi tal-Qrati taghna, ghalkemm il-precedent ma huwiex vinkolanti ghandu xorta

wahda valur perswassiv. Huwa ghalhekk sorprendenti kif Qorti Inferjuri tiddipartixxi minn enuncjazzjoni ta' dritt mhux biss motivat izda wkoll kostanti;

Id-dicitura tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 hija cara u ma thalli lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-imsemmi artikolu meta "ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza." Is-semplici fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi ghal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu;

Eventwali ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza jista` jwassal ghal konsegwenzi ta' natura civili bejn l-assikuratur u l-assigurat, senjatament l-eventwali dritt ta' regress civili li l-assiguratur jista` jkollu fil-konfront tal-assikurat. Izda tali kwistjonijiet ta' natura civili huma res inter alios acta bejn l-assikuratur u l-assigurat u huma ghal kollox estranei ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 billi dan ir-reat jissussisti biss meta ma tkunx fis-sehh polza ta' assigurazzjoni.

Illi dak ritenut fis-sentenza in re Scuderi gie kkonfermat b'diversi sentenzi ohra ta' din il-Qorti fosthom Il-Pulizija vs Joseph Micallef (30.03.2006), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.04.2007), Il-Pulizija vs Nicky Pace (04.04.2007), Il-Pulizija vs Charles Galea (07.05.2007), Il-Pulizija vs Emanuel Bonello (27.07.2007), Il-Pulizija vs Oliver Camilleri (09.08.2007) u l-Pulizija vs George Mizzi (05.11.2008);

Illi effettivament dawn is-sentenzi, kif spjegat, jittrattaw principalment fuq min jinkombi l-oneru tal-prova dwar l-assikurazzjoni. Fil-kaz in dizamina l-appellant ghamel prova tal-ezistenza tal-prova assigurattiva u mar oltre billi ghamel il-prova li effettivament is-socjeta assikurattrici irrizarciet id-danni tas-sinistrata. Ghalhekk, una volta li jirrizulta li kien hemm polza fis-sehh ghal-finijiet tal-Kap 104, l-esponent ghandu jigi wkoll illiberat mit-tieni imputazzjoni migjuba kontrih;

Illi r-raba aggravju jikkoncerna l-piena, jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena erogata ma hijiex fil-parametri tal-ligi, hija bazata

fuq konsiderazzjonijiet li huma estranji ghall-akkadut u hi, fi kwalunkwe kaz, manifestament sproporzjonata;

Illi il-piena massima ghar-reat kontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap hija dik ta' tlett xhur prigunerija. Fattwalment jezisti bejn dawn iz-zewg reati konkors formali ossia ideali ta' reati biex b' hekk setghet tinghata biss piena ghal reat wiehed. Ghalhekk il-piena ta' sitt xhur prigunerija ma hijiex fil-parametri tal-ligi.

Illi qed jigi sottomess li l-piena erogata giet ibbazata fuq konsiderazzjonijiet li huma estranji ghall-akkadut. Minn qari akkurat tal-provi tal-prosekuzjoni jirrizulta li l-ewwel akkuza hija msejjsa fuq il-fatt li t-tail lift van ma kienx intiz ghall-garr ta' student imma kien intiz ghal-skopijiet ohra. L-incident sfortunat li fih sofriet l-offizi Daliborka Vrhovak ma sehhx minhabba t-tip ta' vettura li giet uzata fid-9 ta' Ottubru, 2003 izda sehh, inter alia, minhabba l-fatt li ntuzat minibus wahda flok tnejn bil-konsegwenza li xi student kellhom joqghodu bil-wieqfa waqt it-tragitt. Ghalhekk ma jezistix in-ness bejn l-offizi sofferti minn Daliborka Vrhovac u t-tipologija tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BSY 012. Tant hu hekk li l-esponent ma giex akkuzat b'reati konnessi ma' l-offizi msemmija.

Illi l-piena hija wkoll sproporzjonata in kwantu giet ekwiparata ma dik erogata fil-konfront ta' min kellu cirkostanzi tot coelo differenti. A parti l-fatt mhux traskurabbli li l-esponent kien baghat zewg minibuses u mhux wahda, ghandu necessarjament jigi rilevat li hu ma giex akkuzat bir-reati ta' sewqan perikoluz, offizi ta' natura gravi fuq il-persun ta' Daliborka Vrhovac u uzu ta' mobile phone waqt is-sewqan, u cioe` akkuzi li jista' jkollhom ness bejn l-azzjoni u l-akkadut.

Illi ghalhekk, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti jhidrilha li ghan timponi piena, qed jigi sottomess bl-akbar rispett li din ghandha tkun fil-minimum u certament m'ghandiex tkun piena ta' inkarcerazzjoni effettiva, tenut kont tal-fatt li l-appellant ghamel kollox umanament possibbli sabiex incident bhal dak tad- 9 ta' Ottubru, 2003 ma jsehhx;

Illi l-hames aggravju, li huwa purament ta' natura akkademika, jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet tiskwalifika lill-esponent milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien sena minn meta jiskonta l-piena;

Illi kif gie deciz fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija v Lawrence Azzopardi (23.01.2003), is-sospensjoni ghandha tibda tiddekorri fid-data li fiha l-imputat ikun instab hati. Ghalhekk jinghad bl-akbar rispett li anke fuq dan il-punt il-Qorti tal-Magistrati kienet zbaljata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur tas-socjetà Zarb Coaches Limited, kumpanija li tipprovdi servizz ta' trasport lill-iskejjel fost l-ohrajn, permezz ta' coaches u mini buses. Fid-disgha (9) ta' Ottubru tal-elfejn u tlieta (2003) wiehed mill-coaches illi jintuzaw ghall-garr tal-istudenti kellu xi hsarat u minflok gie deciz minnu illi jibghat zewg mini buses biex jghabbu l-istudenti. Wiehed minn dawn il-mini buses kien bin-numru BSY 012 illi kien vann ghal nies bi bzonnijiet specjali tant illi kellu "tail lift" wara fejn il-wheelchairs setghu jitghabbew fuq platform in-naha ta' wara tal-vann. L-appellant baghat lil Cedric Sciberras, persuna debitament licenzjata, biex issuq din it-tip ta' vettura sabiex imur l-iskola u jghabbi l-istudenti. Żgur illi ma ta l-ebda istruzzjonijiet sabiex jghabbi studenti aktar milli huwa licenzjat il-vann. Ġara però illi Cedric Sciberras wasal l-ewwel l-iskola u biex ma jhallix l-istudenti warajh, fuq decizjoni unilaterali tieghu, ghabba l-istudenti kollha u fosthom wahda bl-isem ta' Daliborka Vrhovac illi qaghdet fuq il-platform ta' wara. Waqt il-vjagg ghal xi raguni nfethet il-bieba ta' wara u Vrhovac waqghet barra fit-triq fejn spiccat b'feriti gravi.

Sussegwentement, l-appellant gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi illi gaghal jew ippermetta lil Cedric Sciberras jaghmel uzu minn vettura BSY 012 ghall-

finijiet ohra barra minn dawk li ghalhom kienet illicenzjata, konsegwentement ghamel uzu mill-istess vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurtà u minghajr ma kienet licenzjata mill-pulizija jew l-Awtorità tat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-hamsa (5) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 114) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena minn meta jiskonta l-piena.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet zbaljati tal-kuncetti tal-ligi kif ukoll interpretazzjoni zbaljata tal-provi processwali li invece kellhom jirrizutaw ghal-liberazzjoni tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Hu ormai principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li fl-apprezzament taghha tal-provi taghmel ezercizzju approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha u jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha allura din tkun raguni valida jekk mhux addirittura impellenti, sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni u konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti allura ghamlet dan l-ezami approfondit u ssib illi ma tistax tasal ghall-istess konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Huwa minnu illi l-appellant huwa direttur tal-kumpanija Zarb Coaches Limited illi tipprovdi servizz ta' trasport fosthom dawk tal-istudenti u fid-disgha (9) ta' Ottubru tal-elfejn u tlieta (2003) ghal habta tat-tlieta ta' waranofsinhar (3.00 p.m.) kien imqabbad sabiex igorr studenti mill-iskola ghad-djar taghhom. Ghal dan is-servizz huwa qabbad impjegat tieghu Cedric Sciberras u irrizulta illi minhabba ragunijiet

teknici flok coach normali baghat zewg mini vans, wahda minnhom BSY 012 illi huwa vann ghal nies bi bzonnijiet specjali misjuq minn Cedric Sciberras. Irrizulta illi dan il-vann kien debitament kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghall-iskop specifiku illi dak il-vann hu intenzjonat u cioé illi jgorr erba' passiggieri, hames wheelchairs u driver, total ta' ghaxar persuni. Imkien ma irrizulta illi l-appellant ta istruzzjonijiet lil Cedric Sciberras sabiex igorr persuni aktar minn dak illi l-vann hu licenzjat. Il-fatt illi gara hekk ma huwiex dovut ghal xi decizjoni da parti tal-appellant izda ghal decizjoni unilaterali ta' Cedric Sciberras illi injora l-provvedimenti tal-licenzja u jghabba fuq responsabiltà tieghu nies aktar minn dak li l-vann kien licenzjat.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni.

Ghal dak illi jirrigwarda t-tieni imputazzjoni irrizulta minghajr dubbju skont ix-xhieda tal-assikurazzjoni illi fil-hin tal-incident il-vann inkwistjoni kien kopert b'polza tas-sigurtà dwar ir-riskji ta' terzi persuni, dejjem bhala "special purpose vehicle" illi jghabbi hdax-il passiggier. L-appellant ma kellu l-ebda mezz ikun jaf illi din il-polza kienet qed tigi vjolata b'decizjoni maghmula minn Cedric Sciberras. Sciberras kien persuna debitament licenzjat minn Transport Malta biex isuq route bus jew coach u kwindi l-appellant baghat persuna kompetenti u fdata sabiex taghmel dan il-vjagg u ma kellu l-ebda mezz jipprevedi illi Cedric Sciberras kien sejjer jghabbi passiggieri aktar minn dak illi kien licenzjat il-vann. Ta' dan zgur illi l-appellant ma jahtix.

Ghalhekk, hawn ukoll it-tieni imputazzjoni ma tissustix.

Rigward it-tielet imputazzjoni li l-vann ma kienx licenzjat irrizulta ampjament li l-mini bus kien debitament licenzjat. Kwidni hawn ukoll din l-akkuza ma tistax tissussiti. Din il-Qorti ssib illi l-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ghaliex "kien konxju tal-fatt illi dan il-mini bus ma kienx addattat ghall-uzu ta' garr ta' sitta u ghoxrin (26) student u ghalhekk meta qed jintuza barra mill-parametri tal-licenzja tieghu, ikun qed jintuza bla licenzja u konsegwentement minghajr assikurazzjoni." Hawnhekk din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni. Filwaqt illi huwa minnu illi l-appellant kien konxju tal-fatt illi mini bus ma kienx addattat ghall-garr ta' sitta

u ghoxrin (26) student, imkien ma irrizulta illi l-appellant ta' xi ordni jew kien konsapevoli tal-fatt illi dan il-mini bus kien qed jintuza b'dan il-mod u ghalhekk l-element intenzjonali ghall-kommissjoni tar-reati addebitati lill-appellant huwa ghall-kollox nieqes minn dan il-fattur.

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant Emanuel Zarb mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tordna illi jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------